MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 36/2003

**Dr Mario Scerri bhala l-Amministratur ta’ Paolo Scerri Apartments Residents Association**

**Vs**

**Gina Mohnani**

**It-Tribunal**

**Ra l-Avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta’ Jannar, 2003 fejn is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta’ Lm49 (disgha u erbghin lira maltin) rapprezentanti bilanc ta’ maintenance fee.**

**‘Tghid ghaliex m’ghandekx tigi kkundannata thallas l-ammont ta’ disgha u erbghin lira maltin (Lm49) rapprezentanti bilanc minnek dovut bhala maintenance fee.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa stess ingunta in subizzjoni.'**

**Ra r-risposta fejn intqal li:**

**'Preliminarjament il-fatt li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni li jisma l-kawza in kwestjoni stante li ai termini tal-artikolu 26 tal-Att dwar il-Condominium, il-materja in kwestjoni trid tigi referita quddiem Arbitru appuntat mic-Chairman tal-Malta Arbitration Centre Centre.**

**Illi l-attur mhuwiex very amministratur, validu skond il-ligi, ta' Paolo Scerri Apartments Residents Association.**

**Illi fil-mertu t-talba attrici hija wkoll infondata peress illi l-konvenuta m'ghandha ebda obbligu skond il-ligi li thallas ghal maintenance fee stabbilita mill-attur.**

**Illi fil-mertu wkoll anke jekk in tejorija jezisti xi obbligu ta' hlas ghall-konvenuta, dan l-obbligu gie onorat peress illi kif jista' jigi ppruvat fil-kors tal-kawza il-konvenuta ghamlet diversi spejjez ghall-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti li s'issa baqghet ma thallsitx taghhom, liema spejjez jeccedu t-talba attrici.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjes kontra l-atturi li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'**

**Ikkonsidra**

**Illi din il-kawza si tratta ghal hlas ta' maintenance fee f'condominium. Kif gia gie pronuncjat dan it-Tribunal huwa kompetenti li jisma tali kawza stante li hija kawza ghal hlas ta' somma flus sic et simpliciter. Mhux qed jigi invokat l-ebda obbligu u/jew dritt naxxenti la mil-ftehim ta' assocjazzjoni u wisq anqas tal-istess Art li jirregola l-condominis. Stante li l-Av Dr Frank Cassar ikkonferma li l-istess ammont**

**ghandhu dovut fis-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2003, jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------